TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/91/20/S

Philip Cassar
Vs
Cassar Airconditioning Systems Limited

Illum 14 ta'Jannar,2021.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Philip Cassaripprezentata fl-20 ta'Lulju,2020 u r-risposta tas-socjeta Cassar Airconditioning Systems Limited ipprezentata fl-24 ta'Settembru,2020;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni taghhom fit-12 ta'Novembru,2020;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq "*airconditioning unit*" li inxtara fis-sena 2016 li ma kienx qed isahhan sew kif allegat mir-rikorrent. Is-socjeta intimata kienet bidlet "*sensor*" fis-sena 2018 u fis-sena 2020 offriet li jinbidel l-"*outdoor unit*" komplut izda r-rikorrent m'accettax;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi l-obbligu tal-prova tinkombi dejjem lil min jallega[1] u dan skont l-artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi dan hu element importanti hafna fil-kamp civili u min irid jiddeciedi, irid jaghmel dan a bazi tal-provi imressqa;

[1] Ara ukoll sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (151/05SM) fid-19 ta'Jannar,2011 fl-ismijiet "Martin Degabriele vs Melanie Borg"

S

Illi dan kollu citat japplika ghall-kaz odjern;

Illi r-rikorrent ma ppruvax li l-'*airconditioning*' kien difettuz jew nuqqaqs ta'konformita kif titlob il-ligi;

Illi l-ewwel ilment kien wiehed minimum u gie rrangat filwaqt li t-tieni ilment sehh wara 4 snin minn meta inxtara l-'*airconditioning unit*';

Illi t-Tribunal jinnota li s-socjeta intimata accettat li l-kumpressur li hemm fl-'*outdoor unit*' ghandu jinbidel u kif konfermat fir-risposta tal-istess socjeta, offriet li jinbidel l-'*outdoor unit*' kollu izda r-rikorrent ried li jibidel l-'*airconditioning*' kollu;

Illi dan it-Tribunal hu tal-fehma li dak li offriet is-socjeta intimata u cioe li jinbidel l-'*outdoor unit*' kollu hu gust fic-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Illi dan it-Tribunal ihoss li mill-provi mressqa, r-rikorrenti ma rnexxilux jipprova dak minnu allegat;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Philip Cassar ghall-kumpens monetarju filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Cassar Airconditioning Systems Limited pero Jordna lis-socjeta intimata biex fi zmien gimghatejn mill-llum tibdel minghajr hlas l-'outdoor unit' kollu b'wiehed gdid lir-rikorrenti. Kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru